# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 159/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs**

**Ethienne Bartolo**

**Karl Vella Petroni**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati, Etienne Bartolo detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0383977M u Karl Vella Petroni detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 000382M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'Lulju 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew

billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Kevin Galea;

Lil Karl Vella Petroni wahdu:

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lil Etienne Bartolo, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, meta ghad li kien jaf bl-att filwaqt li kien qieghed isir, u ghad li seta' jimpedih, hallih isir.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Marzu, 2016 li biha, wara li cahdet l-eccezzjoni sollevata mill-imputati, sabet lill-istess imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u lliberathom;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 t'April 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **thassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellati hatja tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellati u lill-abbli rapprezentant tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz, brevement rakkontati, huma li s-socjeta' Kevin Galea Company Limited kienet inkarigata mis-socjeta' PBA Limited maghmula minn Etienne Bartolo u Karl Vella Petroni, sabiex din tal-ahhar taghmel xi xogholijiet ta' *gypsum* gewwa fond taghha. Dan ix-xoghol sar izda is-socjeta' PBA Limited ma hallsitx il-kont fl-intier tieghu. Sussegwentement is-socjeta' Kevin Galea Company Limited kienet kanonizzata kreditur tas-socjeta' PBA Limited li baqghet inadempjenti fil-hlasijiet u ghalhekk kienu inhargu mandati ezekuttivi fil-konfront taghha. Din is-socjeta' kienet ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji izda kien intlahaq ftehim sabiex jitnehha l-mandat ta' sekwestru fuq promessa ta' hlas tad-dejn f'zewg rati ta' €6,900 kull wiehed pagabbli permezz ta' zewg *post dated cheques*;

2. L-ewwel *cheque* kellu d-data tas-17 ta' Lulju 2008 u l-iehor 30 ta' Dicembru, 2008 t-tnejn intestati fuq Kevin Galea fil-waqt li d-dejn kien dovut lis-socjeta' Kevin Galea Company Limited. Il-kontro-mandat kien prezentat fil-Qorti fil-21 ta' Lulju, 2008. Meta Kevin Galea pprezenta l-ewwel *cheque* ghall-hlas, wara li kien prezenta l-kontro-mandat, kien infurmat illi l-kont kien mghaluq Dan il-kont kien inghalaq mill-Bank tas-socjeta' PBA Limited ghaliex ma kienx qed jithaddem sew skond kif dettaljat *f'"Sanction Letter* mibghuta lill-istess socjeta'. Dan huwa biss sintesi tal-fatti li huma ahjar rakkontati minuzjozament fis-sentenza tal-ewwel Qorti.

3. L-Avukat Generali jillanja din is-sentenza bl-aggravju tal-apprezzament zbaljat tal-provi u applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi. L-ewwel argument mressaq mill-Avukat Generali jindirizza dak li rriteniet l-ewwel Qorti dwar il-mankanza tal-elementi necessarji sabiex jirnexxi dan ir-reat. L-ewwel Qorti ikkonkludiet li ma kienu saru ebda raggiri fil-konfront ta' Kevin Galea jew xi qliegh b'qerq iehor u l-Avukat Generali ma jaqbilx ma' dan ghaliex fil-fehma tieghu l-appellati kienu qarqu b' Kevin Galea sabiex jinducuh jaghmel xi haga bi hsara ghalih u bi qliegh ghalihom;

4. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa sia l-provi mressqa kif ukoll is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn tirrizulta analizi korretta sia tal-provi kif ukoll tal-elementi tar-reat in kwistjoni. L-ewwel Qorti ghamlet rassenja tal-gurisprudenza dwar dan ir-reat sabiex tiddimostra d-differenza bejn ir-reat ta' frodi u dak ta' frodi innominata u kienet tal-fehma illi l-fatti mressqa ma jipotizzawx ir-reat ravvizat fl-artikolu 308 izda l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali;

5. Kwantu l-elementi tar-reat ravvizat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament emergenti mis-sentenza ta' din il-Qorti preseduta mill-Imhallef Carmel A. Agius fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb tat-22 ta' Frar, 1993 u dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Patrick Spiteri – App Krim 22.10.2004. Is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby tispjega id-differenza bejn id-delitt ta' frodi (truffa) ex artikolu 308 u dak ta' frodi innominata ex artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, jew ahjar il-frodi meta jsir bir-raggiri u artifizi kontra dak li jsir b'qerq ta' xorta ohra:

> **"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew**

tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenzi qligh ghall-agent (*Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul*, App Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija vs Daniel Frendo*, App Krim., 25/3/94*).* Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis,* App Krim., 12/12/59, Vol XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* - ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis,* App. Krim., 31/10/59, Vol XLIII.iv.1137; *Il-Pulizija vs Francesca Caruana ,* App Krim., 25/7/53, Vol XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer,* App Krim., 3/3/56".

6. Din is-sentenza hija wisq drabi ccitata b'approvazzjoni mill-Qrati taghna u per ezemplari qed ssir referenza ghas-sentenzi **Il-Pulizija vs Carmela German 30.12.2004** u **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina 24.11.2010.** Issa, l-ewwel- Qorti, fuq l-iskorta anke ta' sentenzi ohra minnha citati kif ukoll b'referenza ghall-Antolisei, kkonkludiet li ma kien hemm ebda raggiri jew *mise en scene* u ghalhekk ma kienx jikkonfigura r-reat ipotizzat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti taghmel taghha din il-konkluzzjoni. Is-socjeta' Kevin Galea Company Limited kienet gia kanonizzata kreditrici tas-socjeta' PBA Limited u l-ammont lilha dovut kien ghadu dovut u pretiz tant li inhargu mandati opportuni kontra s-socjeta' PBA Limited. Il-hrug taz-zewg *cheques* kien ghalhekk intiz bhala hlas li baqa' ma mmaterjalizzax (apparti ghall-element intenzjonali li ser ikun diskuss aktar 'l quddiem). L-appellati ma holqu ebda kwalifiki foloz, ma ghamlu ebda uzu minn ismijiet foloz jew minn ingann b'mod li jista' jinghad li kien hemm il-*mise en scene* rikjest fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali;

7. Issa, l-appellati dejjem sostnew illi fil-kont il-maghluq li fuqu inhargu iz-zewg *cheques* kienu qed jistennew rimbors mid-dipartiment tal-VAT. Tajjeb li jkun senjalat illi dak kien il-kont bankarju tas-socjeta' PBA Limited u wara li l-loan tal-kumpanija inqasam fuq it-tlett persuni komponenti din is-socjeta' personalment, dak kien l-uniku kont fejn huma kienu jemmnu li seta' jkun depozitat l-ammont mistenni mid-dipartiment. Dan huwa wiehed mill-aspetti intenzjonali tar-reat sia fl-artikolu 308 kif ukoll 309. Dan l-ahhar artikolu jirrikejdi inoltre t-telf tal-patrimonju tal-iffrodat bil-konsegwenzjali arrikkiment tal-frodist fil-frodi innominata. U minn dan kollu ma sehh xejn ghaliex kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, bil-hrug tal-kontro-mandat, l-appellati ma ggwadanjaw xejn u s-suggett passiv ma tilef xejn. Lanqas ma jista' jinghad li l-appellati gidbu meta hargu z-zewg cekkijiet ghaliex kienu infurmaw lill-Kevin Galea li ma kienx hemm flus fil-kont izda li l-bilanc kien ser jizdied bid-depozitu tal-flus mid-dipartiment tal-VAT. L-ewwel Qorti ghalhekk kienet ukoll korretta fl-analizi taghha sia tal-fatti kif ukoll tal-ligi in rigward;

8. Illi ghalhekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha abbracjata ukoll minn din il-Qorti;

9. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.